MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 66

23 ta' Frar 2012

Minuti tat-Tieni Parti tas-Seduta Nru. 66 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Minkejja li l-minuti tal-ewwel parti tas-seduta ġew mgħoddija lill-Kunsillieri qabel is-seduta, id-diskussjoni dwarhom tħalliet għas-seduta li jmiss.

### 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

Ma tqajjmet ebda materja mill-minuti tal-ewwel parti tas-seduta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' persuni / organizzazzjoni li ngħataw l-unuri tal-"Ġieħ" jew "Rikonoxximent";
- Skeda ta' persuni nominati eliġibbli.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Installazzjoni tal-Elettriku fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol V)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-kuntratt li ngħata lill-Mica Med Ltd dwar ix-xogħlijiet imsemmija. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li permezz ta' *e-mail* datat 23 ta' Frar 2012, l-istess kuntrattur għarraf li minħabba t-topografija tal-art fejn ser jitwaħħlu s-sitt arbli madwar il-*multi-purpose court*, jeħtieġ li titħaffer ħofra fil-blat 2 metri b'2 metri u 1.5 metru fonda li tinvolvi spiża addizzjonali ta' € 800 bil-VAT inkluża. Il-kuntrattur ġibed l-attenzjoni wkoll li wieħed mill-arbli tad-dwal, jeħtieġ li jkun ta' 9 metri tul minflok 6 metri, liema xogħol jinvolvi spiża addizzjonali ta' € 600 bil-VAT inkluża. Intqal ukoll li huwa meħtieġ li jinġieb *tower ladder* kbir biex jilħaq il-*floodlights* tal-*multi-purpose court*. L-ispiża għal kiri ta' dan il-makkinarju kienet għadha mhix magħrufa.

4.1.3. Il-Kunsill approva l-istima mogħtija wara li ttieħed in konsiderazzjoni li l-vot 7509 dwar il-Park tal-Familja hemm parti minnu sabiex tiġi wżata bħala kontinġenza.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ma tressqet ebda *purchase request form*.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ma tressqet ebda skeda ta' ħlasijiet.

## 7.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2012 (A/5/3/1/Vol XII)

7.2. Is-Sindku rrefera għall-messaġġ li huwa bgħat lill-Kunsillieri kollha dwar l-inklużjoni tal-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet li saru fil-Qasam Ta' Pennellu permezz tal-Iskema Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern. Huwa ssuġġerixxa li din l-attivita` tiġi nkluża mal-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill, nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu fid-9.30am. Huwa ppropona li l-Onor. Dr Chris Said – bħala l-Ministru responsabbli mill-oqsma tad-djar, jiġi mistieden sabiex jikxef il-lapida kommemorattiva. Il-kliem fuq il-lapida ġie mogħti mill-istess ministru u ser jinqara:

> "*….Dan il-proġett ta' tisbiħ li sar mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bil-għajnuna ta' skema tal-Awtorita` tad-Djar kien inawgurat mill-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja l-Onor. Chris Said fil-preżenza tas-Sindku Robert Cutajar u l-Kunsillieri llum il-Ħadd l-4 ta' Marzu 2012.*".

7.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona wkoll li wara l-Quddiesa ta' ringrazzjament, nhar il-Ħadd 4 ta' Marzu, membri mill-SOS Malta offrew li jkun preżenti f'Misraħ il-Parroċċa sabiex iservu ikel etniku. Dan ser isir minn sitt persuni refuġjati, li ngħataw taħriġ f'Malta fit-tisjir u l-preżentazzjoni tal-ikel. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jiġu mistiedna erba' kantanti Melleħin sabiex janimaw din l-attivita`, li għaliha jkun meħtieġ jinkera servizz tal-*audio*.

7.4. Sar suġġeriment ieħor min-naħa tas-Sindku fis-sens li l-preżentazzjoni tal-medalji tar-Rikonoxximent għandu jsir waqt l-interval, filwaqt li l-insigna tal-Ġieħ titħalla għall-iktar tard fis-serata.

7.5. Saret referenza għall-*e-mail* datat 15 ta' Frar 2012, fejn l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa offriet li tieħu f'idejha l-isparatura annwali fl-okkazjoni ta' Jum il-Kunsill fil-25 u s-26 ta' Frar 2012. Il-Kunsill qabel li din l-attivita` għandha ssir anke f'din l-edizzjoni u kien hemm qbil li t-trofej għandhom jiġu ppreżentati mis-Sindku.

7.6. Il-Kunsill approva s-suġġeriment mressaq mis-Sindku fil-minuti 7.2., 7.3. u 7.4. aktar 'il fuq.

7.7. Is-Sindku ressaq skeda ta' nomini ġodda li daħlu sad-data ta' egħluq fl-14 ta' Frar 2012, kif ukoll oħrajn illi għadhom eliġibbli, iżda li ġew sottomessi fi snin preċedenti.

7.8. Il-Kunsill qabel illi l-onorefiċenzi jingħataw fl-2012 għandhom jinvolvu persuni b'rabta mal-oqsma tal-ammimistrazzjoni pubblika u intraprenditorjali, fl-isports u fil-kultura mużikali. Kien hemm diskussjoni wkoll dwar l-għoti tal-unuri lis-sindki tal-lokalitajiet barranin li l-Mellieħa għandha ġemellaġġ magħhom.

7.9. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu fuq numru ta' persuni u għalhekk is-Sindku R. Cutajar ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier J. Buttiegieg, li kienet tgħid kif ġej:

> ***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu ddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;***
>
> ***Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skond il-kriterji stabbiliti, illi ġejjin minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fit-13 ta' Frar 2012, liema nominazzjonijiet ġew evalwati sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u***

***Billi l-kriterju dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxi li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda, filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/ jew organizzazzjonijiet;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:***

- ***Is-Sur Gaetano Buttigieg*** *BA (Hons), Econ, CSA* – ***Qasam tal-Koperattivi,***

***filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa" għandhom ikunu:***

- *Is-Sur Chris Borg – Amministrattur fl-isport*
- *Is-Sur Joseph S. Grech – Mużiċist; u*
- *Dr Grace Grima - B.Ed (Hons.), M.Ed. (Otago), Ph.D. (Otago) –* ***Amministrazzjoni Pubblika (Edukazzjoni)***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2012.".***

## AĠĠORNAMENT

It-tieni parti tas-seduta spiċċat fit-8.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu 2012 fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**